MT

SEJĦA GĦAL SERVIZZ

# SUPERVIŻUR TAL-KOSTUMI

MA' TEATRU MALTA C/O ARTS COUNCIL MALTA

teatrumalta.org.mt

**Teatru Malta hija l-kumpanija nazzjonali Maltija tat-teatru.**

Qed infittxu li ningaġġaw persuna esperjenzata u entużjasta biex tagħti servizz ta' **Superviżur tal-Kostumi** għal medja ta' 30 siegħa fil-ġimgħa, biex jappoġġjana fl-iżvilupp u t-twassil tal-programm artistiku ta' Teatru Malta billi jmexxi u jieħu ħsieb il-kostumi kollha tal-kumpanija, u jimmaniġġja l-iskedi u l-kiri ta' oħrajn skont il-bżonn, għal kull produzzjoni.

**Is-Superviżur tal-Kostumi** jirrapporta lill-Kap tal-Produzzjonijiet.

**Bażi**

Kuntratt għal servizz għal massimu ta' 30 siegħa fil-ġimgħa.

**Ħlas**

€10/siegħa + VAT sa massimu ta' €15,600 + VAT f'sena

**Tul ta' Żmien**

Sena (1)

*Nomenklaturi li jindikaw il-ġeneru maskili jinkludu wkoll il-ġeneru femminili u mhux binarju.*

## Responsabbiltajiet ġenerali

Id-dmirijiet għandhom jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

- L-immaniġġjar u l-aġġornar kontinwu tal-kollezzjoni ta' kostumi u aċċessorji fi ħdan il-kollezzjoni ta' kostumi ta' Teatru Malta permezz tad-dokumentazzjoni ta' oġġetti ġodda miżjuda mal-kollezzjoni kif ukoll tibdiliet fil-kollezzjoni attwali ta' oġġetti, it-tiswija ta' kostumi, is-superviżjoni tal-kiri ta' oġġetti, u s-superviżjoni ġenerali tas-self ta' kostumi għal produzzjonijiet ta' Teatru Malta;

- Il-kura u l-ittikkettar ta' kostumi u aċċessorji fil-kollezzjoni ta' Teatru Malta b'mod regolari;

- L-identifikazzjoni u l-kisba ta' kostumi u aċċessorji li jżidu l-valur tal-kollezzjoni ta' Teatru Malta, b'mod partikolari fid-dawl tal-programm artistiku ta' Teatru Malta;

- Ħidma flimkien ma' disinjaturi tal-kostumi u diretturi ta' diversi produzzjonijiet għall-kisba ta' kostumi neċessarji fi ħdan il-kollezzjoni ta' kostumi ta' Teatru Malta għall-estetika mixtieqa tal-produzzjonijiet;

- Ir-riċerka u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' ħażna u tindif għall-kollezzjoni ta' kostumi, skont id-drappijiet, il-materjali tal-kostumi u l-props;

- Kwalunkwe alterazzjonijiet u t-tiswija ta' kwalunkwe ħsara li ssir lill-kostumi u/jew aċċessorji matul il-perjodu tal-provi u l-prestazzjonijiet ta' kull produzzjoni ta' Teatru Malta;

- L-immaniġġjar ta' Katalgu ta' Kostumi fil-formats meħtieġa pprovduti minn Teatru Malta, u rendikont ta' dak li jkun mikri u l-prezz u ż-żmien tal-kera, kif ukoll biex l-oġġetti mikrija jiġu riflessi fil-verżjonijiet kollha tal-bażi ta' data tal-kostumi, dejjem f'ħidma mad-dipartiment tal-produzzjoni;

- L-immaniġġjar u l-aġġornar kontinwu ta' kwalunkwe spejjeż relatati maż-żamma ġenerali tal-kollezzjoni ta' kostumi kif ukoll il-kiri ta' kostumi u aċċessorji u t-tindif ta' kostumi mikrija fi żmien adegwat, f'ħidma mad-dipartiment tal-amministrazzjoni u l-finanzi skont il-ħtieġa;

- Ħidma mad-dipartiment tal-produzzjoni fuq kwistjonijiet relatati maż-żamma u l-kiri ta' kostumi u aċċessorji;

- Ħidma mad-dipartiment tal-amministrazzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-ksib ta' materjali meħtieġa għall-manutenzjoni u kwistjonijiet ta' finanzi relatati mal-immaniġġjar ġenerali tal-kollezzjoni;

- Li jkun disponibbli għal-laqgħat inklużi laqgħat fuq il-post, kif u meta mitlub minn Teatru Malta.

## Ħiliet u kompetenzi

L-applikanti għandhom, sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, ikollhom fil-pussess tagħhom:

- Kwalifika f'livell minimu ta' Diploma f'livell MQF 5 relatata mal-moda, l-arti, l-arkivjar, l-istorja tal-moda, id-disinn tal-kostumi, it-teatru, jew oqsma rilevanti. Il-kwalifiki u l-esperjenza mniżżla għandhom jiġu akkumpanjati minn ċertifikati u/jew testimonjanzi, u l-kopji tagħhom għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni. Iċ-ċertifikati u/jew testimonjanzi oriġinali għandhom jiġu ppreżentati għall-verifika waqt l-intervista
  **u/jew**
  minimu ta' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti (b'mod partikolari b'rabta mal-ħjata, il-ħolqien ta' kostumi u ż-żamma ta' kollezzjoni ta' kostumi fis-settur kulturali u kreattiv); Rekord tajjeb ta' xogħol li jitlesta fil-ħin skont id-data ta' skadenza;
- Għarfien estensiv u interess fis-settur kulturali u kreattiv ta' Malta;
- L-abbiltà li jistabbilixxu u jżommu relazzjonijiet pożittivi ma' varjetà ta' kollaboraturi u partijiet interessati;
- Għarfien profiċjenti tal-Ingliż u l-Malti b'ħiliet komunikattivi eċċellenti fil-lingwa mitkellma u bil-miktub;
- Ħiliet interpersonali eċċellenti;
- Entużjażmu u motivazzjoni biex iwasslu l-viżjoni ta' Teatru Malta;
- Kapaċi jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll bħala parti minn tim, b'attenzjoni għad-dettall.

↓ **Larinġa Mekkanika** (2019)
*Ritratt ta' Elisa Von Brockdorff*



## Kundizzjonijiet ta' servizz anormali

- L-abbiltà li jaħdmu taħt pressjoni.
- Li jkunu flessibbli biex jaħdmu matul tmiem il-ġimgħa u filgħaxijiet, skont ftehim bi qbil mal-Kap tal-Produzzjonijiet.

## Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet, flimkien mad-dokumentazzjoni neċessarja, u Curriculum Vitae dettaljat għandhom jintbagħtu fuq **contact@teatrumalta.org.mt** sa mhux aktar tard minn nhar **It-Tnejn, 13 ta' Frar 2023,** f'nofsinhar.

L-applikanti għandu jkollhom numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT validu. Il-fornitur ta' servizz magħżul ser ikun responsabbli għall-kontribuzzjonijiet tat-tassazzjoni u s-sigurtà soċjali kollha rilevanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

↓ **Ma Kuraġġ u Wliedha** (2022)
*Ritratt ta' Elisa Von Brockdorff*

